



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 26.6.2015  
COM(2015) 311 final

2015/0137 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll mal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

Skont l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, il-Kroazja se taderixxi mal-ftehimiet internazzjonali ffirmati jew konklużi mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha permezz ta' protokoll ma' dawk il-ftehimiet.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2012<sup>1</sup> awtorizzat lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati, sabiex jikkonkludu l-protokollu rilevanti.

Il-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") ġie ffirmat fl-10 ta' Mejju 2010.

Wara negozjati mar-Repubblika tal-Korea, tressqu l-proposti distinti li ġejjin:

- (i) Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll mal-Ftehim (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") biex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.
- (ii) Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll, li trid tittieħed mill-Kunsill fi żmien debitu wara l-firma tal-Protokoll.

### **2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

In-negozjati mar-Repubblika tal-Korea ġew konklużi b'suċċess billi ġie inizjalat il-Protokoll. Il-Kummissjoni ġġudikat ir-riżultati tan-negozjati bħala sodisfaċenti.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA**

Il-Protokoll propost jagħmel lir-Repubblika tal-Kroazja parti kontraenti għall-Ftehim u jimpenja lill-UE biex ttiprovdi verżjoni awtentika tal-Ftehim bil-Kroat li issa hija lingwa uffiċjali tal-UE.

Il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill jawtorizza l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll mal-Ftehim Qafas, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE. Wara l-iffirmar tal-Protokoll, it-tieni proposta, dwar il-konklużjoni tal-Protokoll, se titqies mill-Kunsill fi żmien debitu.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-adattament tal-ftehimiet iffirmati jew konklużi bejn l-Unjoni Ewropea, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (Dokument tal-Kunsill 13351/12 RISTRETT).

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll mal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jstabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 212 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea min-naħa l-oħra<sup>2</sup> ("il-Ftehim"), ġie ffirmat fi Brussell fl-10 ta' Mejju 2010.
- (2) Ir-Repubblika tal-Kroazja saret Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013.
- (3) Skont it-termini tal-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni, l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Ftehim trid tiġi miftiehma permezz ta' protokoll mal-Ftehim. Trid tapplika proċedura ssemplifikata li permezz tagħha l-Protokoll irid jiġi konkluż mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u mill-pajjiżi terzi kkonċernati.
- (4) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati<sup>3</sup>. In-negozjati mar-Repubblika tal-Korea ġew konklużi b'suċċess billi ġie inizjalat il-Protokoll.
- (5) L-Artikolu 4(3) tal-Protokoll jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tiegħu qabel ma jidħol fis-seħħ.
- (6) Il-Protokoll għand jkun iffirmit, bil-kundizzjoni li jkun konkluż f'data aktar 'il quddiem, u jkun applikati fuq bażi provviżorja,

<sup>2</sup> ĠU L 332, 19.12.2005, p. 2.

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-adattament tal-ftehimiet iffirmiti jew konklużi bejn l-Unjoni Ewropea, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ma' pajjiżi terzi wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (Dokument tal-Kunsill 13351/12 RISTRETT).

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll tal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, bil-kundizzjoni tal-konklużjoni tal-istess Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jstabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ biex jiġi ffirmat il-Protokoll, bil-kundizzjoni li jiġi konkluż, għall-persuna/i indikata/i min-negozjatur.

*Artikolu 3*

Bil-kundizzjoni li jkun konkluż f'data iktar 'il quddiem u sakemm jidħol fis-seħħ, il-Protokoll japplika provviżorjament, skont l-Artikolu 4(3).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha. Hija tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*